**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0057/2024 }**
**B10-0058/2024 }**
**B10-0059/2024 }**
**B10-0060/2024 }**
**B10-0061/2024 }**
**B10-0063/2024 }**

**RC1**

18.9.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 136(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0057/2024 (PPE)
B10-0058/2024 (The Left)
B10-0059/2024 (Renew)
B10-0060/2024 (ECR)
B10-0061/2024 (S&D)
B10-0063/2024 (Verts/ALE)

dwar l-għargħar devastanti fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, it-telf ta' ħajjiet u t-tħejjija tal-UE biex taġixxi fir-rigward ta' diżastri bħal dawn li huma aggravati mit-tibdil fil-klima
(2024/2817(RSP))

**Bartosz Arłukowicz, Andrey Novakov, András Tivadar Kulja, Siegfried Mureşan, Lídia Pereira, Peter Liese, Ioan-Rareş Bogdan, Daniel Buda,**

**Andrzej Buła, Dan-Ştefan Motreanu, Virgil-Daniel Popescu, Adina Vălean, Dolors Montserrat, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Miriam Lexmann, Zoltán Tarr, Dóra Dávid, Gabriella Gerzsenyi, Andrzej Halicki, Krzysztof Hetman, Monika Hohlmeier, Adam Jarubas, Dariusz Joński, Kinga Kollár, Eszter Lakos, Magdalena Adamowicz, Krzysztof Brejza, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Marcin Kierwiński, Łukasz Kohut, Ewa Kopacz, Janusz Lewandowski, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Jagna Marczułajtis-Walczak, Mirosława Nykiel, Jacek Protas, Bartłomiej Sienkiewicz, Michał Szczerba, Michał Wawrykiewicz, Marta Wcisło, Daniel Caspary, Christine Schneider, Andrea Wechsler, Ralf Seekatz**
f'isem il-Grupp PPE
**Mohammed Chahim, Tiemo Wölken, Marcos Ros Sempere, Andreas Schieder, Krzysztof Śmiszek, Dan Nica, Klára Dobrev, Victor Negrescu, Maria Grapini, Mihai Tudose, Gabriela Firea, Adrian-Dragoş Benea, Claudiu Manda, Gheorghe Cârciu, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Csaba Molnár, Joanna Scheuring-Wielgus, Robert Biedroń, Sakis Arnaoutoglou, Evelyn Regner, Hannes Heide, Elisabeth Grossmann, Günther Sidl**
f'isem il-Grupp S&D
**Waldemar Buda, Roberts Zīle, Pietro Fiocchi, Ivaylo Valchev, Ondřej Krutílek, Claudiu-Richard Târziu, Veronika Vrecionová, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Gheorghe Piperea, Şerban-Dimitrie Sturdza, Adrian-George Axinia, Waldemar Tomaszewski, Alexandr Vondra, Daniel Obajtek, Małgorzata Gosiewska, Jacek Ozdoba, Patryk Jaki, Adam Bielan, Joachim Stanisław Brudziński, Michał Dworczyk, Jadwiga Wiśniewska, Kosma Złotowski, Marlena Maląg, Arkadiusz Mularczyk, Beata Szydło, Dominik Tarczyński, Mariusz Kamiński, Tobiasz Bocheński, Maciej Wąsik, Bogdan Rzońca, Anna Zalewska**
f'isem il-Grupp ECR
**Michal Wiezik, Martin Hojsík, Ľudovít Ódor, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Ľubica Karvašová, Marjan Šarec, Dan Barna, Sigrid Friis, Yvan Verougstraete, Grégory Allione, Benoit Cassart, Olivier Chastel, Hilde Vautmans, Vlad Vasile-Voiculescu, Anna Stürgkh, Ilhan Kyuchyuk, Gerben-Jan Gerbrandy, Michał Kobosko**
f'isem il-Grupp Renew
**Sara Matthieu**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Jonas Sjöstedt, Younous Omarjee**
f'isem il-Grupp The Left

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-għargħar devastanti fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, it-telf ta' ħajjiet u t-tħejjija tal-UE biex taġixxi fir-rigward ta' diżastri bħal dawn li huma aggravati mit-tibdil fil-klima**
**(2024/2817(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi tagħha tal-2015, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika,

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU,

– wara li kkunsidra l-Kontroll tal-Idoneità tal-2019 għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tal-Kummissjoni, id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u d-Direttiva dwar l-Għargħar (SWD(2019)0439),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2021 bit-titolu "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" (COM(2021)0082),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima[1],

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2023 dwar l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament tal-Istati Membri,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar Jum Ewropew għall-vittmi tal-kriżi klimatika globali[3],

– wara li kkunsidra r-Rapport Nru 1/2024 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tal-11 ta' Marzu 2024 bit-titolu "The European Climate Risk Assessment" (Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi – nipproteġu l-poplu u l-prosperità" (COM(2024)0091),

[1] ĠU C 445, 29.10.2021, p. 156.
[2] ĠU C 125, 5.4.2023, p. 135.
[3] ĠU C, C/2024/488, 23.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/488/oj

– wara li kkunsidra r-Rapport 3/2024 tal-EEA tal-15 ta’ Mejju 2024 bit-titolu “Responding to climate change impacts on human health in Europe: focus on floods, droughts and water quality” (Rispons għall-impatti tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa tal-bniedem fl-Ewropa: enfasi fuq l-għargħar, in-nixfiet u l-kwalità tal-ilma),

– wara li kkunsidra r-rapport finali tad-Djalogu dwar ir-Reżiljenza għall-Klima, ippubblikat f’Lulju 2024,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta’ Mejju 2024 dwar l-evalwazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili – Tisħiħ tat-tħejjija tal-UE għall-emerġenzi (COM(2024)0212),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Settembru 2024 dwar l-għargħar devastanti fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, it-telf ta’ ħajjiet u t-tħejjija tal-UE biex taġixxi fir-rigward ta’ diżastri bħal dawn li huma aggravati mit-tibdil fil-klima,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi x-xita qawwija u l-irjieħ qawwija kellhom impatt fuq l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, b’mod partikolari l-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija, u kkawżaw għargħar li rriżulta f’vittmi umani u ħsara fuq skala kbira; billi parti sinifikanti mit-territorji tagħhom ġiet affettwata, b’mod partikolari, reġjuni inqas żviluppati b’infrastruttura u reġjuni agrikoli aktar dgħajfa;

B. billi avvenimenti individwali ta’ temp estrem ma jistgħux jiġu attribwiti direttament lil kawża speċifika; billi, skont il-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA), huwa ċar li l-kriżi klimatika qed twassal għal avvenimenti ta’ temp estrem aktar frekwenti u intensi bħal għargħar, maltempati u mewġiet ta’ sħana, li jagħmlu l-preċipitazzjoni u l-maltempati aktar severi, il-mewġiet ta’ sħana aktar sħan u n-nixfiet aktar xotti;

C. billi l-ewwel EUCRA u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi – nipproteġu l-poplu u l-prosperità” jindikaw li l-Ewropa hija l-kontinent bl-aktar tisħin rapidu fid-dinja u fenomeni severi bħan-nirien fis-selvaġġ, in-nixfiet u l-għargħar qed isiru dejjem aktar frekwenti madwar l-Ewropa bħala riżultat tal-effetti tat-tibdil fil-klima; billi t-temperatura medja fuq l-art Ewropea fis-sajf tal-2024 kienet l-ogħla rrekordjata għall-istaġun, b’1,54 °C ogħla mill-medja tal-1991-2020, u b’hekk qabżet ir-rekord preċedenti mill-2022[4]; billi dan immarka perjodu ta’ 14-il xahar li matulu t-temperatura medja globali tal-arja tal-wiċċ qabżet b’1.5 °C il-livelli preindustrijali;

D. billi f’dawn l-aħħar 30 sena biss, l-għargħar madwar l-Ewropa affettwa 5,5 miljun persuna, bi kważi 3 000 ħajja mitlufa, u kkawża aktar minn EUR 170 biljun fi ħsara ekonomika; billi t-tibdil fil-klima qed iżid b’mod sinifikanti r-riskji ta’ għargħar

[4] Copernicus, Summer 2024 – Hottest on record globally and for Europe (Sajf 2024 – l-aktar rekord sħun globalment u għall-Ewropa).

madwar l-Ewropa[5];

E. billi f'xi partijiet tar-reġjuni milquta tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, tliet kwarti tal-preċipitazzjoni annwali medja niżlet f'erbat ijiem biss; billi kooperazzjoni effettiva u kkoordinata bejn is-servizzi ta' salvataġġ u l-iskambju transfruntier rapidu ta' riżorsi u għarfien espert salvaw il-ħajjiet u evitaw ħsara agħar; billi l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE, il-ġbir flimkien tar-riżorsi u l-iskambju tal-aħjar prattiki huma essenzjali biex l-għajnuna f'każ ta' diżastru tirnexxi;

F. billi diversi Stati Membri attivaw is-servizzi ta' mmappjar rapidu satellitari ta' Copernicus matul l-għargħar ta' Settembru 2024 (il-Ġermanja, il-Polonja, is-Slovakkja, ir-Rumanija u l-Ungerija);

G. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2024 li tevalwa l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) tidentifika l-ħtiġijiet u l-isfidi li qed tiffaċċja l-protezzjoni ċivili fl-Ewropa u tipprovdi rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb l-effettività tal-UCPM; billi din il-komunikazzjoni tisħaq ukoll fuq l-isfidi u t-theddid dejjem aktar kumplessi u diversi li qed tiffaċċja l-UE, li jinkludu l-għadd dejjem jikber ta' kunflitti u, kemm id-diżastri kkawżati mill-bniedem kif ukoll dawk naturali, bħal avvenimenti ta' temp estrem, flimkien ma' riskji għas-sigurtà li qed jevolvu, u turi kif dawn l-iżviluppi jpoġġu pressjoni sinifikanti fuq il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-effettività operazzjonali tal-UCPM;

H. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) inħoloq wara l-"Għargħar tal-Millennju" li affettwa l-istess reġjun fl-1997 u fl-2002; billi, anke bir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), il-baġit tal-FSUE għadu insuffiċjenti biex jagħti rispons adegwat għal diżastri naturali kbar u biex joffri s-solidarjetà Ewropea mar-reġjuni milquta minn diżastri;

I. billi d-diżastri naturali għandhom impatt negattiv fit-tul fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'żoni, f'reġjuni u fi Stati Membri differenti tal-UE;

J. billi, minħabba l-enfasi reġjonali tagħha, l-approċċ ibbażat fuq il-post, l-ippjanar strateġiku u l-mudell ta' implimentazzjoni effettiv, il-politika ta' koeżjoni għandu jkollha rwol ewlieni fil-prevenzjoni tad-diżastri, l-irkupru minn xokkijiet simmetriċi u asimmetriċi, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

K. billi s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma essenzjali għall-prevenzjoni ta' diżastri relatati mat-temp ikkawżati mill-klima; billi l-pjanuri tal-għargħar u l-foresti, il-ħamrija u l-art moxa b'saħħithom, l-artijiet mistagħdra u t-torbieri, u ż-żoni ekoloġiċi naturali fil-bliet u fil-kampanja jaġixxu bħala lqugħ kontra l-impatti klimatiċi billi jżommu l-ilma u jtaffu l-effetti tal-għargħar u tan-nixfiet;

L. billi r-riċerka dwar ir-riskji tal-għargħar u l-indirizzar tagħhom jirrikjedu approċċ olistiku, li jqis diversi fatturi, inklużi l-industrija, it-trasport, il-prassi tas-sottoskrizzjoni

[5] Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-UE.

tal-assigurazzjoni, l-ippjanar tal-użu tal-art u d-distribuzzjoni storika tal-pjanuri tal-għargħar, it-tibdil demografiku, l-obbligazzjoni finanzjarja u aspetti rilevanti oħra; billi l-EEA indikat li l-gruppi u r-reġjuni vulnerabbli huma affettwati b'mod aktar sever mill-għargħar u minn estremitajiet oħra tat-temp;

*Ġenerali*

1. Iwassal l-aktar simpatija profonda u s-solidarjetà tiegħu lill-vittmi, lill-familji tagħhom u lin-nies u l-komunitajiet affettwati mill-avvenimenti ta' temp estrem li għaddejjin bħalissa u l-għargħar sever fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, inkluż fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fl-Ungerija;

2. Ifaħħar l-isforzi bla heda u l-impenn tad-dipartimenti tat-tifi tan-nar professjonali u volontarji, l-organizzazzjonijiet tas-salvataġġ, il-voluntiera u l-militar fil-pajjiżi affettwati mill-għargħar u minn diżastri naturali oħra mal-Ewropa kollha, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-membri tal-pubbliku li rriskjaw ħajjithom biex isalvaw lil ħaddieħor u jipproteġu d-djar u l-infrastruttura; jisħaq li s-servizzi ta' emerġenza kellhom rwol kruċjali biex isalvaw il-ħajjiet, jevakwaw żoni vulnerabbli u jipproteġu l-proprjetà f'kundizzjonijiet spiss diffiċli, u li l-isforzi bla heda u r-rieda tagħhom li jaġixxu, anke filwaqt li jirriskjaw ħajjithom, kellhom rwol kruċjali biex illimitaw id-diżastru;

3. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-intensità u l-frekwenza dejjem akbar ta' avvenimenti ta' temp estrem fl-UE u madwar id-dinja, inklużi preċipitazzjoni estrema u għargħar fuq skala kbira, mewġiet ta' sħana u nirien fis-selvaġġ, u wkoll dwar l-impatti serji u diretti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, l-għajxien, l-akkomodazzjoni, l-infrastruttura, l-ekonomija, l-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u l-ekosistemi; jissottolinja r-rabta bejn it-tibdil fil-klima u l-avvenimenti ta' temp estrem u jenfasizza l-importanza li din ir-rabta tiġi indirizzata b'mod effettiv u koerenti billi jissaħħaħ ir-rispons kollettiv fil-livell tal-UE u dak internazzjonali permezz ta' protezzjoni ċivili effettiva u miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih, sabiex jiġu protetti n-nies, l-għajxien tagħhom, l-ekonomija u l-ekosistemi;

4. Jisħaq li biex l-għan fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi jkun jista' jintlaħaq hemm bżonn ta' sforz kollettiv u azzjoni ulterjuri mill-pajjiżi kollha involuti; iħeġġeġ lill-partijiet kollha għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, fosthom l-UE, isegwu l-isforzi globali miftiehma fid-deċiżjoni ta' rendikont globali permezz tal-implimentazzjoni ambizzjuża u ż-żieda fil-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali f'konformità mal-għan fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi; ifakkar li l-UE, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, jeħtiġilha tkompli bl-isforzi tagħha għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima biex jintlaħaq dan l-għan fit-tul, u għall-adattament biex titrawwem ir-reżiljenza;

***Protezzjoni ċivili u finanzjament għal għajnuna f'każ ta' diżastru***

*Protezzjoni ċivili*

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkunu lesti jappoġġjaw kwalunkwe Stat Membru li jitlob assistenza ta’ emerġenza fl-ambitu tal-UCPM mingħajr dewmien; jilqa’ l-wegħda tal-Gvern Ukren li jappoġġja lill-UE b’persunal u tagħmir ta’ servizz ta’ emerġenza;

6. Jissottolinja l-ħtieġa li l-UCPM jingħata riżorsi suffiċjenti u aġġornati sabiex iżid it-tħejjija u jtejjeb il-bini tal-kapaċitajiet; jiddispjaċih, għalhekk, dwar it-tnaqqis fil-baġit ta’ EUR 37 miljun (f’impenji) u ta’ EUR 154,9 miljun (f’pagamenti) għall-UCPM (rescEU); jappella biex jiġu allokat aktar finanzjament għal-linji baġitarji rilevanti u fil-QFP li jmiss; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-integrazzjoni tat-tnaqqis u l-ġestjoni tar-riskju ta’ diżastri fil-programmi ta’ finanzjament rilevanti tal-UE, meta jitqies li l-fondi kollha minfuqa f’dan il-qasam se jipprevjenu nefqa sinifikanti fuq ir-rispons u l-bini mill-ġdid;

7. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tagħha mill-komunikazzjoni tagħha tad-29 ta’ Mejju 2024 u tagħmel proposti konkreti biex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta’ rispons operazzjonali tal-UCPM; jistieden lill-Kummissjoni tlesti malajr ir-rieżami ppjanat tagħha tal-UCPM, inkluż iċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f’każ ta’ Emerġenza tiegħu, fl-ewwel sena tal-mandat tal-Kummissjoni l-ġdida, u tippreżenta miżuri konkreti għal aktar tisħiħ u żvilupp tal-kapaċità kollettiva tal-UE li tirreaġixxi għad-diżastri naturali, bħall-ħolqien ta’ forza tal-protezzjoni ċivili tal-UE għal riżervi strateġiċi tal-ikel, l-ilma, il-mediċini u t-tagħmir mediku, l-appoġġ għall-introduzzjoni ta’ għodod ta’ twissija bikrija bbażati fuq il-mowbajl għaċ-ċittadini, l-għoti konġunt ta’ kuntratti pubbliċi ġodda biex tiġi mmodernizzata l-protezzjoni ċivili, u programmi ta’ appoġġ immirati biex jipprovdu taħriġ, tagħmir u skambji ta’ servizzi volontarji tal-protezzjoni ċivili; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-istabbiliment tal-flotta permanenti l-ġdida tar-rescEU u jiżguraw li din tirċievi finanzjament adegwat;

*Appoġġ finanzjarju u strumenti baġitarji*

8. Jappella biex l-UE tipprovdi assistenza finanzjarja u teknika immedjata lill-pajjiżi milquta;

9. Jappella biex jiġu attivati mekkaniżmi bħall-FSUE; iqis, madankollu, li l-baġit tal-FSUE għandu jkun proporzjonat mal-għadd u s-severità dejjem akbar tad-diżastri naturali madwar l-Ewropa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid il-baġit tar-Riżerva ta’ Solidarjetà Ewropea (ESR); iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora l-mezzi kollha possibbli biex taċċellera l-mobilizzazzjoni tal-FSUE; jenfasizza, għalhekk, l-importanza li jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-FSUE fl-ambitu tal-QFP li jmiss; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa ta’ flessibbiltà raġonevoli meta l-pajjiżi u r-reġjuni riċevituri jiffaċċjaw dewmien u sfidi ġustifikabbli fl-applikazzjoni u fl-użu tal-finanzjament allokat; jappella, barra minn hekk, għal linja ta’ finanzjament ta’ emerġenza biex tiffaċilita l-irkupru rapidu taż-żoni affettwati, l-infrastruttura u l-għajxien, kif ukoll investimenti f’miżuri preventivi biex jitnaqqsu l-impatti ta’ avvenimenti ta’ temp estrem futuri;

*Politika reġjonali*

10. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ tekniku u finanzjarju lir-reġjuni affettwati b'mod sproporzjonat mid-diżastri naturali aggravati bit-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, u b'hekk tiżgura li l-ebda Stat Membru jew reġjun ma jitħalla jibqa' lura fl-isforzi biex isaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima u t-tħejjija għad-diżastri; jirrimarka li huwa essenzjali li l-għajnuna u r-riżorsi finanzjarji jkunu disponibbli fiż-żoni milquta bl-aktar mod rapidu, faċli u flessibbli possibbli;

11. Jappoġġja bil-qawwa t-tisħiħ tal-investimenti tal-UE marbuta mar-reżiljenza reġjonali u lokali fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' flessibbiltà integrata fil-kriżijiet fil-kuntest tal-finanzjament reġjonali sabiex jiġu ssalvagwardjati investimenti addizzjonali għal proġetti li saritilhom ħsara jew li nqerdu li kienu għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ; jipproponi l-ħolqien ta' assi prijoritarju ddedikat fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jindirizzaw il-prijoritajiet emerġenti fi proċess minn isfel għal fuq, mibdi mil-livell sottonazzjonali; iqis li l-prinċipju ewlieni għandu jkun approċċ ta' investiment imfassal apposta mmirat lejn ħtiġijiet speċifiċi fil-prattika;

12. Jirrikonoxxi li l-politika ta' koeżjoni futura tal-UE għandha tagħmel enfasi akbar fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; jappella, għalhekk, biex l-investimenti fl-adattament għall-klima, fil-prevenzjoni tad-diżastri u fit-tħejjija għalihom ikunu ggarantiti permezz ta' objettiv ta' politika ddedikat jew assi prijoritarju ddedikat fl-ambitu tal-iżvilupp reġjonali u tal-qafas ġenerali tal-politika ta' koeżjoni, konċentrazzjoni tematika jew permezz ta' kundizzjoni abilitanti speċifika sabiex jiġu indirizzati l-prijoritajiet emerġenti fi proċess minn isfel għal fuq, sabiex jiġu żgurati investimenti sostenibbli fl-infrastruttura lokali, reġjonali u nazzjonali u l-ġestjoni tar-riskju fiż-żoni urbani u rurali anqas żviluppati, inklużi r-reġjuni tal-fruntieri, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi;

13. Jenfasizza l-importanza li jitfasslu u jinżammu programmi u miżuri tal-UE mfassla apposta għar-reġjuni suxxettibbli għal diżastri naturali; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' flessibbiltà integrata għall-kriżijiet fil-kuntest tal-finanzjament reġjonali;

14. Iqis li l-investimenti reġjonali permezz tal-baġit tal-UE għandhom jibqgħu b'ġestjoni kondiviża għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni sabiex ikunu jistgħu jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri, ir-reġjuni u ż-żoni urbani, rurali u remoti, speċjalment sabiex iż-żoni urbani u rurali jkunu jistgħu jadattaw għal sfidi ġodda, bħall-għargħar;

15. Jisħaq li jeżistu differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom; ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma atturi fundamentali fl-ippjanar, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proġetti li għandhom jikkontribwixxu għall-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tar-riskju u t-tħejjija fil-prattika; jappella għal approċċ imsaħħaħ ibbażat fuq il-post biex it-tħejjija għad-diżastri u l-ġestjoni tagħhom jitqarrbu lejn il-livelli reġjonali u lokali;

16. Jenfasizza li l-politika reġjonali tal-UE kienet strumentali biex tgħin fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet korrispondenti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u jappella li r-rwol tagħhom jissaħħaħ; jissottolinja l-kapaċitajiet tekniċi, finanzjarji u amministrattivi huma

essenzjali biex jiġi żgurat li l-korpi maniġerjali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiksbu għarfien tekniku, speċjalment dwar it-tibdil fil-klima, li jistgħu jużaw għall-ippjanar u għall-ġestjoni urbana u rurali; jinsab konvint li dan se jtejjeb it-tfassil u l-evalwazzjoni tal-proposti tal-proġetti u jippermetti l-allokazzjoni aktar effettiva tar-riżorsi u l-implimentazzjoni tal-baġit sodisfaċenti, mingħajr riskju sinifikanti ta' diżimpenji tal-investimenti tal-UE;

17. Jappella biex il-programmi eżistenti ta' assistenza teknika u ta' konsulenza jkollhom fil-mira speċifika tagħhom lill-muniċipalitajiet iżgħar u liż-żoni transfruntiera, remoti u rurali, kif ukoll lir-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni gżejjer, sabiex jgħinuhom jiffaċċjaw sfidi ġodda bħat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tibdil fil-klima; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li l-istrumenti ta' assistenza teknika jiġu żviluppati permezz ta' kollaborazzjoni bejn il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni; jappella għal appoġġ immirat fil-forma ta' finanzjament tal-UE ta' 100 % għall-bini ta' kapaċità teknika, finanzjarja u amministrattiva, għat-tfassil u t-tħejjija tal-proġetti, għall-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' riżerva ta' proġetti, u għall-kapaċitajiet ta' ppjanar strateġiku, inklużi l-istrumenti ta' ppjanar;

18. Jappella biex l-inizjattivi tal-Kummissjoni, bħall-Patt tas-Sindki tal-UE għall-Klima u l-Enerġija, jiġu involuti aktar fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-investimenti fit-tħejjija għad-diżastri; jirrikonoxxi li l-appoġġ għall-politika u l-implimentazzjoni, immirat lejn is-sindki u l-awtoritajiet lokali, jiġġenera eżiti ferm aħjar fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' politika;

19. Iħeġġeġ it-tisħiħ tal-oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u jħeġġeġ l-użu ta' għarfien espert internazzjonali biex jiġu appoġġjati l-isforzi ta' rkupru u riabilitazzjoni biex jitrawmu strateġiji konġunti ta' ġestjoni tad-diżastri, jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u titjieb il-ġestjoni transkonfinali tal-ilma;

*Adattament għat-tibdil fil-klima*

20. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr il-pjan Ewropew ta' adattament għat-tibdil fil-klima li ħabbret bħala parti mil-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss, inklużi proposti leġiżlattivi konkreti, sabiex jiġu koordinati l-isforzi għat-tisħiħ tal-adattament u r-reżiljenza f'konformità mal-għanijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna u jiġu adattati għall-impatti tat-tibdil fil-klima, jiġu żgurati valutazzjonijiet tar-riskju regolari bbażati fuq ix-xjenza, miri ta' reżiljenza li jistgħu jitkejlu u jiġu appoġġjati u kkoordinati l-azzjonijiet tal-Istati Membri fit-tħejjija, l-ippjanar u l-kooperazzjoni transfruntiera;

21. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' aktar investiment urġenti fil-ġestjoni tal-għargħar u miżuri ta' prevenzjoni tar-riskju, inklużi sistemi mtejba ta' twissija bikrija, sistemi ta' monitoraġġ f'ħin reali, infrastruttura għall-ġestjoni tal-għargħar u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u investimenti fit-tul fl-infrastruttura ekoloġika u blu, pereżempju l-għoti ta' aktar spazju lin-nixxigħat u x-xmajjar billi jiġu restawrati l-pjanuri tal-għargħar naturali u l-qigħan tax-xmajjar antiki, l-artijiet mistagħdra u l-

foresti u titjieb iż-żamma tal-ilma billi tiġi restawrata l-funzjoni assorbenti tal-pajsaġġi; jappella biex kwalunkwe sinerġija potenzjali tiġi ingranata fl-istrumenti tal-ippjanar li qed jiġu żviluppati mill-Istati Membri, pereżempju, il-pjanijiet għar-restawr tan-natura, il-pjanijiet tad-distretti tal-ħamrija, il-pjanijiet ta' ġestjoni integrata skont id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi[6] u l-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar, filwaqt li jiġi evitat l-adattament ħażin;

22. Jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni biex tnaqqas l-ostakli burokratiċi u tħaffef il-proċeduri ta' approvazzjoni għat-tiswija u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura għall-ġestjoni tal-għargħar u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, sabiex il-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa b'mod urġenti jkunu jistgħu jiġu implimentati mingħajr dewmien bla bżonn; jisħaq li dan jirrikjedi proċeduri aktar effiċjenti fil-ħin, responsabbiltajiet definiti sew u enfasi ċara fuq il-miżuri ta' kostruzzjoni meħtieġa;

23. Jenfasizza diversi eżempji ta' miżuri ta' prevenzjoni ta' għargħar u ta' protezzjoni b'suċċess, spiss b'appoġġ mill-fondi tal-UE, li għenu lil xi reġjuni u komunitajiet jipproteġu lilhom infushom kontra l-agħar impatti tal-għargħar li għaddej, bħall-ġibjun ta' Racibórz Dolny u l-polders xotti tal-madwar fil-Polonja, li kellhom rwol ewlieni biex jillimitaw il-ħsara fi Wrocław, kif ukoll il-pjanuri tal-għargħar tad-Danubju u miżuri preventivi oħra f'Niederösterreich u Vjenna;

24. Jitlob li l-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-prevenzjoni tal-għargħar fl-UE u l-effettività ta' proġetti preċedenti ffinanzjati mill-UE, filwaqt li toffri rakkomandazzjonijiet għal użu aħjar tal-fondi tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jaġġornaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom għall-prevenzjoni tal-għargħar sabiex jiddefinixxu żoni ta' għargħar b'riskju għoli u fejn il-pjanijiet ta' kostruzzjoni għandhom jitwaqqfu, sabiex titjieb il-prevenzjoni tar-riskju u tissaħħaħ il-protezzjoni ċivili;

25. Jisħaq li l-indirizzar tal-inugwaljanza soċjoekonomika huwa essenzjali għal adattament ġust għat-tibdil fil-klima; jissottolinja li d-differenzi fil-vulnerabbiltà ta' diversi gruppi jeħtieġu approċċ immirat għall-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tħejjija u l-prevenzjoni tad-diżastri;

26. Jisħaq li l-għargħar, in-nixfiet, in-nirien fis-selvaġġ u avvenimenti oħra ta' temp estrem joħolqu sfidi kbar għal ħafna setturi ekonomiċi, b'mod partikolari s-settur agrikolu u l-bdiewa, li qed isofru aktar telf u ma jistgħux jaħsdu l-prodotti tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza aħjar l-impatt ta' dawn il-perikli relatati mal-klima fuq il-produzzjoni tal-ikel, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa;

27. Jirrakkomanda l-użu ta' prodotti avvanzati ta' Copernicus u data ta' telerilevament biex jiġu appoġġjati miżuri preventivi;

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill,

[6] ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1991/271/oj?eliuri=eli%3Adir%3A1991%3A271%3Aoj&locale=mt.

lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.